# GĦALL-QADI TAL-BNIEDEM: IL-VIŻJONI TAL-PAPA FRANĠISKU

"L-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tal-bnedmin tal-lum, fuq kollox tal-foqra u ta' dawk kollha li jbatu, huma wkoll l-hena u t-tama, in-niket u t-tħassib tad-dixxipli ta' Kristu, u ma hemm ebda ħaġa li hi tassew tal-bniedem li huma wkoll ma jħossuhiex f'qalbhom."[1] Dan il-kliem li bih tibda l-Kostituzzjoni Pastorali tal-Konċilju Vatikan II, *Gaudium et Spes,* jiddeskrivi tajjeb ħafna il-viżjoni ta' Papa Franġisku għall-qadi tal-bniedem.

F'dawn ir-riflessjonijiet, se nsemmi għaxar punti li Papa Franġisku jagħmel fl-Eżortazzjoni Appostolika *Evangelii Gaudium,*[2] li jistgħu jgħinuna, fil-ħidma tagħna ta' volontarjat, biex nifhmu aħjar il-viżjoni tiegħu. Se naraw ukoll kif is-Sinodu Djoċesan ta' Malta (1999-2003) ittratta dawn il-punti, għax fil-fatt hemm xebħ kbir bejn il-viżjoni ta' Papa Franġisku u dak tas-Sinodu Djoċesan fejn tidħol il-viżjoni ta'qadi.

## 1. Ġesù Kristu: għall-qadi tal-bniedem bl-azzjoni u bil-kelma

Minn fejn irridu nibdew? Minn Ġesù Kristu l-qaddej li "ġie mhux biex ikun moqdi imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra" (Mk 10:45). Il-ħarsa tagħna trid tkun fuqu, huwa hu li jrid jurina kif bl-azzjoni u bil-kelma nistgħu tassew inkunu qaddejja. Għal Ġesù ma kien hemm l-ebda firda bejn ħajtu u tagħlimu: għalih, il-fejqan u l-għajnuna huma parti integrali mit-tħabbir tal-Bxara t-Tajba.[3]

Is-Sinodu Djoċesan ifisser dan b'mod ċar: "Ġesù huwa dak li fl-Aħħar Ċena 'qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma' qaddu. Imbagħad ferragħ l-ilma fil-lenbija, u beda jaħsel saqajn lid-dixxipli u jixxutahomlhom bil-fardal li kellu ma' qaddu' (Ġw 13:4-5). Din l-azzjoni profetika tal-Imgħallem hi ta' xhieda qawwija għalina lkoll. Tgħallimna li aħna, il-membri tal-Knisja, imsejħin biex inkunu qaddejja ta' ħutna l-bnedmin kollha, mingħajr distinzjoni. Knisja li hi qaddejja ma tibżax tidher u fil-fatt tkun dik li taqdi speċjalment lil dawk li huma l-aktar batuti, imbegħdin jew diskriminati minn ħaddieħor."[4]

Papa Franġisku jgħid hekk fuq din is-silta ċentrali biex nifhmu l-qadi: "Ġesù ħasel riġlejn id-dixxipli tiegħu. Il-Mulej jinvolvi ruħu hu u jinvolvi lil dawk li huma tiegħu, jinżel għarkupptejh quddiem l-oħrajn biex jaħsilhom. Imma dritt wara hu jgħid lid-dixxipli tiegħu: 'Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom' (Ġw 13:17). Il-komunità li tevanġelizza, b'għemejjel u ġesti, tidħol fil-ħajja ta' kuljum tal-oħrajn, tqassar id-distanzi, titbaxxa sal-punt tal-umiljazzjoni jekk hemm bżonn, u tħaddan il-ħajja umana, tmiss il-ġisem ta' Kristu li jbati fil-poplu tiegħu."[5]

Aħna u nħarsu lejn Ġesù Kristu bħala mudell ta' qadi, "...irridu nidħlu fil-qalba tas-soċjetà, naqsmu l-ħajja ma' kulħadd, nisimgħu l-inkwiet tagħhom, ngħinuhom materjalment u

---

1 Konċilju Vatikan II, Kostituzzjoni Pastorali *Gaudium et Spes* (1965), 1.

2 Hawn se niffoka fuq dan id-dokument, u speċifikament fuq l-aspett ta' djakonija. Hemm ħafna aktar interventi oħra tal-Papa Franġisku b'rabta ma' dan is-suġġett.

3 Ara Arċidjoċesi ta' Malta, Dokument tas-Sinodu Djoċesan, *Djakonija u Ġustizzja* (2003), 23.

4 Arċidjoċesi ta' Malta, Dokument tas-Sinodu Djoċesan *Viżjoni ta' Knisja komunjoni* (2003), 9.

5 Papa Franġisku, *Evangelii Gaudium* (2013), 24.

spiritwalment fil-ħtiġijiet tagħhom, nifirħu ma' min jifraħ, nibku ma' min jibki u nħabirku fil-bini ta' dinja ġdida, spalla ma' spalla mal-oħrajn. Imma dan ma nagħmluhx qisu kien xi obbligu, qisu kien piż li jtaqqalna, imma bħala għażla personali li tfawwarna bil-ferħ u tagħtina identità."[6]

## 2. Għall-qadi tal-bniedem: iċ-ċentralità tal-bniedem fis-servizzi tagħna

Fil-qalba tal-qadi, hemm iċ-ċentralità tal-bniedem, ta' kull bniedem, bid-dinjita' tiegħu u tagħha. Papa Ġwanni Pawlu II kien semma, fl-ewwel enċiklika tiegħu,[7] li l-bniedem huwa "t-triq prinċipali li l-Knisja trid tgħaddi minnha biex taqdi l-missjoni tagħha". Hu sejjaħ lill-bniedem "uniku u irrepetibbli".

Fil-qadi tagħna, irid joħroġ ċar kemm hi għażiża kull persuna. Papa Franġisku jispjega: "Mhux minħabba d-dehra fiżika tagħha, il-ħiliet tagħha, il-lingwaġġ tagħha, il-mentalità tagħha jew is-sodisfazzjon li tista' toffrilna, imma għax hi opra ta' Alla, ħlejqa tiegħu. Hu ħalaqha xbieha tiegħu, u hi tirrifletti xi ħaġa mill-glorja tiegħu. Kull bniedem hu oġġett tal-ħlewwa bla tarf tal-Mulej, u Hu nnifsu jgħammar f'ħajtu. Għal dik il-persuna, Ġesù Kristu xerred id-demm prezzjuż tiegħu fuq is-salib. Lil hemm minn kull dehra, kull persuna hi *immensament qaddisa u timmerita l-imħabba u l-attenzjoni tagħna*. Għalhekk, jekk jirnexxieli ngħin imqar persuna waħda tgħix aħjar, dan hu diġà biżżejjed biex jiġġustifika d-don ta' ħajti."[8]

Meta jitkellem fuq l-aspetti essenzjali li għandhom dejjem jitħarsu fil-qadi, is-Sinodu Djoċesan jenfasizza ċ-ċentralità ta' kull bniedem fis-servizzi li jingħataw: "Is-servizzi tal-Knisja għandhom jilħqu lill-bniedem sħiħ u jirrispettaw id-dinjità tiegħu; wara kollox Kristu jagħmel lill-bniedem 'aktar bniedem'. Il-bniedem, u kull bniedem, huwa importanti għax huwa bniedem u mhux għax għandu xi ħaġa jew jista' jagħti xi ħaġa."[9]

Irridu nibnu komunità fejn kull bniedem iħossu tassew milqugħ għax hu bniedem, u fih naraw lil Ġesù Kristu nnifsu (ara Mt 25:31-46).

## 3. Nibnu komunità li tkun għall-qadi tal-bniedem ta' kull reliġjon, razza, lewn, qagħda soċjali, orjentament

Ir-rispett lejn id-dinjità ta' kull persuna u d-drittijiet fundamentali tagħha fil-prattika jrid ifisser li għalina kull persuna hi għażiża, hi x'inhi r-reliġjon, ir-razza, il-lewn, il-qagħda soċjali u l-orjentament tagħha. Jekk aħna nħarsu lejn ir-realtà tas-soċjetà Maltija, u nieħdu eżempju wieħed, naraw kemm din il-viżjoni li qed juri Papa Franġisku tgħodd għalina.

Il-Papa jgħid hekk: "...aħna msejħin nagħrfu lil Kristu li qed ibati, anki jekk dan minn barra ma jidhirx li qed jiksbilna ebda vantaġġi tanġibbli u immedjati: dawk li m'għandhomx saqaf fuq rashom, dawk li waqgħu f'xi vizzju, ir-rifuġjati, il-popli indiġeni, l-anzjani dejjem iżjed waħidhom u mitluqa, u l-bqija. Ngħid għalija, l-immigranti jippreżentawli sfida partikulari, għax jien Ragħaj ta' Knisja bla fruntieri li tħossha omm ta' kulħadd. Għalhekk nitlob

6 *Evangelii Gaudium*, 269.
7 Ġwanni Pawlu II, *Redemptor Hominis* (1979), 15.
8 *Evangelii Gaudium*, 274.
9 *Djakonija u Ġustizzja*, 25.

lill-pajjiżi biex jiftħu qalbhom b'mod aktar ġeneruż, li flok jibżgħu li ħa tinqerdilhom l-identità lokali, isibu l-ħila joħolqu sintesi kulturali ġdida."[10]

F'dan li qed jitlob, il-Knisja f'Malta tiftakar fis-sejħa tas-Sinodu Djoċesan meta semma bħala sfida dik li nilqgħu "persuni ta' razez u twemmin differenti minn tagħna, nies li meta jaslu fuq xtutna x'aktarx ikollhom biss il-memorja ta' passat ikrah f'pajjiż 'il bogħod u l-impossibbiltà ta' futur f'dik l-art. Dawn jitolbuna mhux biss il-karità imma fuq kollox is-solidarjetà u l-opportunità li jipparteċipaw magħna f'komunità ta' bnedmin fejn id-dinjità u d-drittijiet tagħhom huma mħarsa. Dawn isibu ħafna min jgħinhom imma jsibu wkoll min jisfruttahom minħabba li huma ta' kulur jew ta' kultura differenti minn tagħna."[11]

Irridu nagħtu sehemna fil-bini ta' soċjetà li tkun għall-qadi ta' kull bniedem mingħajr diskriminazzjoni inġusta.

## 4. Kontra l-kultura tal-iskart: għall-qadi tal-bniedem li qiegħed fil-periferija jew mormi

Papa Franġisku juri kif il-qadi tal-bniedem għandu jwassalna biex 'noħorġu' lejn dawk li huma fil-bogħod, dawk fil-periferija kemm f'sens ġeografiku imma wkoll f'sens soċjali. Jgħid hekk: "...għandna partijiet kbar tal-popolazzjoni li huma esklużi u emarġinati: bla xogħol, bla futur, bla possibbiltajiet. Il-bniedem fih innifsu qed jitqies bħala prodott ta' konsum, li tista' tużah u mbagħad tarmih. Ħloqna kultura tal-'iskart' u qegħdin saħansitra nippromovuha. Dan m'għadux sempliċement fenomenu ta' sfruttament u ta' oppressjoni, imma hawn għandna xi ħaġa ġdida: l-esklużjoni qed tolqot fl-istess għeruq tiegħu s-sens ta' appartenenza għas-soċjetà li fiha ngħixu, peress li min hu eskluż mhux biss jinsab fil-mandraġġi tagħha, fil-periferija, jew bla poter, imma saħansitra jitħalla barra għalkollox minnha. Dawk esklużi mhumiex biss 'sfruttati' imma huma ż-żejda, 'għar-rimi'."[12] Għalhekk isejjaħ lil dawk kollu involuta fil-qadi biex jaħdmu kontra l-kultura tal-'iskart'

Is-Sinodu Djoċesan ifakkarna li rridu "...inkunu għassa sabiex nagħrfu suriet ġodda ta' theddid għad-dinjità tal-bniedem. Dan l-għarfien għandu jissarraf f'impenn biex nirreżistu kull inġustizzja, oppressjoni, sfruttament u emarġinazzjoni u jwassalna mhux biss biex jitwarrbu l-effetti ta' kull deni, iżda wkoll il-kawżi tiegħu."[13]

## 5. Għall-qadi tal-bniedem: l-għażla preferenzjali tal-fqar

F'dan il-kuntest, il-viżjoni ta' Papa Franġisku għall-qadi tal-bniedem tenfasizza l-għażla preferenzjali tal-fqar. Din hi l-għażla li hu għamel b'mod daqshekk miftuħ, u li jaraha bħala essenzjali għax-xhieda tal-ħajja Nisranija tagħna. Jitkellem fuq "Knisja fqira għall-foqra"[14] u jgħid li l-għażla vera favur il-foqra hi differenti "minn ideoloġija oħra, kienet li kienet, minn kull tentattiv li jintużaw il-foqra għas-servizz ta' interessi personali jew politiċi. Lill-foqra nistgħu biss inseħbuhom tabilħaqq fil-mixja ta' ħelsien tagħhom jekk infittxu li nkunu qrib tagħhom tassew bi mħabba."[15] Hawn Papa Franġisku jagħmel referenza għal dak li jgħid

[10] *Evangelii Gaudium,* 210.
[11] *Djakonija u Ġustizzja,* 21.
[12] *Evangelii Gaudium,* 53.
[13] *Djakonija u Ġustizzja,* 9.
[14] *Evangelii Gaudium,* 198.
[15] *Evangelii Gaudium,* 199.

Papa Ġwanni Pawlu II, fl-Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte*:[16] "Dan biss jagħmilha possibbli li 'il-fqar f'kull komunità jħossuhom 'f'darhom'. Ma jkunx dan l-aħjar mod u l-aktar wieħed effettiv kif nippreżentaw l-aħbar it-tajba u tas-Saltna?' Mingħajr l-għażla preferenzjali għall-iżjed foqra, 'l-aħbar it-tajba tal-Evanġelju, li fiha nfisha hija l-ewwel forma ta' karità, tkun fil-periklu li tkun mifhuma ħażin jew li tkun maħnuqa minn kwantità ta' kliem li bih ninsabu mdawrin fis-soċjetà ta' komunikazzjoni fi żmienna'."[17]

Is-Sinodu Djoċesan jgħid kliem simili ħafna dwar l-għażla preferenzjali tal-fqar, b'referenza wkoll għall-istess paragrafu ta' *Novo Millennio Ineunte*: "...din l-għażla trid tkun kriterju ta' dixxerniment pastorali fil-ħidma tal-Knisja u mhux biss għażla bejn possibbiltajiet differenti. L-ewwelnett titlob minna li nkunu 'Knisja tal-fqar' u li nfasslu ħajjitna u l-ħidma pastorali fuq il-ħajja ta' dak li 'minkejja li kien għani, ftaqar għalikom biex, permezz tal-faqar tiegħu, tistagħnew intom' (2 Kor 8: 9). Il-Knisja għandha tkun il-ġemgħa, imsejħa minn Kristu, fejn il-foqra jkollhom post speċjali, leħen u dar, fejn jiskopru t-triq u l-appoġġ lejn il-ħelsien tagħhom...L-għażla preferenzjali tal-foqra għandha wkoll idawwalna fl-għażliet tagħna rigward il-mezzi li nużaw fil-pastorali tagħna u biex nirrifjutaw kwalunkwe abbuż ta' poter (soċjali, politiku, finanzjarju, reliġjuż) biex inwasslu l-Evanġelju."[18]

Ta' min wieħed ifakkar dak li jgħid is-Sinodu Djoċesan waqt li jikkwota lil San Ġwann Krisostmu: "X'ikun qed igawdi Kristu jekk il-mejda tiegħu tkun miksija b'vażuni tad-deheb waqt li huwa stess ikun qed imut fil-persuna tal-fqar? Ibdew xebbgħu lil dak li għandu l-ġuħ u mbagħad, jekk jibqgħalkom flus, żejnu l-artal. Alla qatt ma kkundanna lil xi ħadd għax ma tax tiżjin għani lit-tempju tiegħu, imma hedded anke bl-infern lil min traksura l-għajnuna tal-fqar."[19]

## 6. Diversità u kollaborazzjoni fil-ħidma għall-qadi tal-bniedem

Fil-ħidma tagħna, imsejħin biex napprezzaw id-diversità u narawha bħala rikkezza, u nifhmu li din id-diversità hi don tal-Ispirtu ta' Alla. Din id-diversità m'għandhiex tkun sors ta' diviżjoni jew sparpaljar ta' riżorsi, imma twassal għal kollaborazzjoni. Din hi sfida kbira lil diversi nies li huma involuti f'għaqdiet, movimenti u gruppi ta' volontarjat.

Papa Franġisku jsejjaħ għal apprezzament tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu f'dan: "Id-differenzi li naraw bejn il-persuni u l-komunitajiet xi kultant idejquna, imma l-Ispirtu s-Santu, li jqajjem din id-diversità, minn kollox jaf jislet xi ħaġa tajba u jibdilha f'dinamiżmu ta' evanġelizzazzjoni li jaħdem billi jiġbed lejh. Id-diversità għandha tkun magħquda dejjem mal-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu; Hu biss jista' jqanqal id-diversità, il-pluralità, il-multipliċità u, fl-istess waqt, iwettaq l-għaqda. Min-naħa l-oħra, meta nkunu aħna li nfittxu d-diversità u ningħalqu fil-karatteristiċi partikulari tagħna, fl-esklussiviżmu tagħna, noħolqu l-firda u, min-naħa l-oħra, meta nkunu aħna li nippruvaw nibnu l-għaqda bil-kalkoli umani tagħna, nispiċċaw biex nimponu l-uniformità monolitika. Dan ma jgħin xejn lill-missjoni tal-Knisja."[20]

---

16 Ara Ġwanni Pawlu II, Ittra Appostolika *Novo Millennio Ineunte* (2001), 50.

17 *Evangelii Gaudium,* 199.

18 *Djakonija u Ġustizzja,* 9.

19 *Djakonija u Ġustizzja,* 9, li jikkwota lil San Ġwann Krisostmu, *Omeliji dwar l-Evanġelju ta' San Mattew,* 50, 4. Papa Franġisku wkoll jikkwota lil San Ġwann Krisostmu f'*Evangelii Gaudium,* 57: "Li ma taqsamx il-ġid tiegħek mal-foqra jfisser li tkun qed tisraqhom u ċċaħħadhom mill-ħajja. Il-ġid li għandna f'idejna mhuwiex tagħna, imma tagħhom".[19]

20 *Evangelii Gaudium,* 131.

L-isfida hi li aħna nagħrfu x'jgħin il-kollaborazzjoni f'din il-ħidma ta' qadi, u x'ifixkilha. Nagħrfu wkoll kif nistgħu nedukaw għall-għaqda fid-diversità.

Is-Sinodu Djoċesan jesprimiha b'dan il-mod: "Għandna ħafna riżorsi umani, imma li f'diversi każi huma sparpaljati. Aktar minn ħafna jaħdmu flimkien insibu diversi li jibnu 'knejjes' tagħhom. Mhux dejjem ħdimna flimkien bħala aħwa u dixxipli ta' Ġesù. Mhux dejjem għaqqadna l-forzi u mhux dejjem qdejna lil xulxin. Irridu ngħidu li aħna Knisja li hija għanja b'qawsalla ta' għaqdiet, movimenti u gruppi, imma li sfortunatament mhux dejjem jaħdmu id f'id b'għan wieħed. Biex verament inkunu melħ, dawl u ħmira, hemm bżonn kbir li l-għaqdiet jaslu biex jibdlu l-mentalità u l-atteġġjament magħluqa li xi minn daqqiet uħud iħaddnu, u jitgħallmu japprezzaw u jifirħu fid-diversità u l-kumplimentarjetà tagħhom. Hekk ipoġġu l-kariżma partikulari tagħhom għas-servizz tal-komunità."[21]

## 7. Il-parroċċa/komunità u l-akkumpanjament għall-qadi tal-bniedem

Enfasi partikulari li jagħmel Papa Franġisku meta qed jitkellem fuq il-qadi hu fuq l-akkumpanjament. Jitkellem fuq kemm dan hu importanti fil-kuntest li fih qed ngħixu. L-akkumpanjament gej mir-rispett kbir lejn kull persuna, u l-bżonn li tkun megħjuna fil-mixja tal-ħajja: "F'ċivilità miġruħa fil-qiegħ nett ta' qalbha mill-anonimat u, fl-istess ħin, iffissata fuq id-dettalji tal-ħajja tal-oħrajn, sfortunatament marida b'kurżità ossessiva, il-Knisja għandha bżonn ta' ħarsa mill-qrib biex tikkontempla, titqanqal u tieqaf quddiem l-ieħor kull darba li jkun hemm bżonn. B'dan il-mod il-ministri ordnati u l-operaturi pastorali l-oħra jistgħu jxerrdu l-fwieħa tal-preżenza ta' Ġesù li jinsab dejjem qrib tagħna u tal-ħarsa personali tiegħu. Il-Knisja jeħtieġ tlaqqa' lill-membri tagħha – saċerdoti, reliġjużi u lajċi – ma' din l-'arti tal-akkumpanjament', biex ilkoll jitgħallmu dejjem jinżgħu l-qorq quddiem l-art imqaddsa tal-persuna l-oħra (ara Eż 3:5). Jeħtieġ li l-mixja tagħna nagħtuha ritmu b'saħħtu li jqegħidha qrib tal-oħrajn, b'ħarsa mimlija rispett u ħniena imma li fl-istess ħin ikollha l-ħila tfejjaq, teħles u tħeġġeġ il-maturità fil-ħajja Nisranija."[22]

Din hi l-viżjoni tas-Sinodu Djoċesan, li fl-għażla tax-xbieha 'oħt u qaddejja' jara proprju dan is-sens ta' akkumpanjament: "Fir-rabta tagħha mal-bnedmin l-oħra, il-Knisja nistgħu nħarsu lejha wkoll bħala oħt. Il-Knisja hija oħt għax takkumpanja lill-bnedmin tul il-mixja ta' ħajjithom fuq din l-art. Aħna msejħin biex lil ħutna l-bnedmin nakkumpanjawhom bħala aħwa."[23]

Aktar ma l-parroċċa/il-komunità jkollha nies li jkunu mħarrġa biex jakkumpanjaw, iktar jissaħħaħ il-qadi. Papa Franġisku jitkellem fuq dan il-bżonn: "Iktar minn qatt qabel neħtieġu rġiel u nisa li, bl-esperjenza li għandhom fl-akkumpanjament, juruna t-triq li għandna naqbdu, fejn jispikkaw il-prudenza, il-ħila li nifhmu lill-oħrajn, l-arti tal-istennija, il-ħlewwa li tħalli l-Ispirtu jaħdem fina, biex inħarsu n-nagħġiet kollha li jafdaw ruħhom f'idejna mill-ilpup li jippruvaw jaħtfu l-merħla." Hu jitkellem fuq il-bżonn li nitħarrġu fl-arti tas-smigħ, li mhix biss li tisma' b'widnejk imma hi l-ħila tal-qalb li tersaq qrib ta' ħaddieħor u tifhem il-qagħda tiegħu jew tagħha: "Is-smigħ jgħinna nagħrfu liema hu l-ġest jew il-kelma t-tajba li tħarrikna mill-qagħda trankwilla ta' spettaturi."[24] Dan il-kliem ifakkarna ħafna fi kliem Papa Benedittu XVI fl-Enċiklika tiegħu *Deus Caritas Est* meta jgħid li "l-imħabba safja u ġeneruża hija l-aqwa xhieda lil Alla li fih nemmnu u li minnu aħna nitqanqlu għall-imħabba. In-Nisrani jaf

---

[21] *Viżjoni ta' Knisja komunjoni,* 38.
[22] *Evangelii Gaudium,* 169.
[23] *Viżjoni ta' Knisja komunjoni,* 8. Ara wkoll 11 u 43.
[24] *Evangelii Gaudium,* 171.

meta jkun il-waqt li jitkellem dwar Alla u meta jkun aħjar li ma jgħid xejn u jħalli l-imħabba titkellem hi."[25]

Din l-attitudni tgħinna nibnu tassew komunità 'li tilqa'', b'mod li turi viżjoni ta' Knisja kif jgħid Papa Franġisku: "Il-Knisja trid tkun il-post tal-ħniena mogħtija b'xejn, fejn kulħadd jista' jħossu milqugħ, maħbub, maħfur u mħeġġeġ jgħix skont il-ħajja tajba tal-Evanġelju."[26]

## 8. Sfidi u opportunitajiet fil-ħidma għall-qadi tal-bniedem.

Id-dokument tas-Sinodu Djoċesan *Kultura-Soċjetà-Knisja* jsemmi dimensjonijiet ewlenin tal-kultura, fosthom il-kultivazzjoni tat-talenti intellettwali u fiżiċi tal-bniedem, il-manipulazzjoni tal-qawwiet tan-natura bir-riċerka u studju, l-aktar dawk teknoloġiċi u xjentifiċi, u l-isforz tal-bniedem biex jumanizza s-soċjetà li jgħix fiha u l-ħajja familjari.[27]

Papa Franġisku jsemmi is-suċċessi li jtejbu l-kwalità tal-ħajja b'riżultat ta' dan kollu: "Illum il-bniedem qed jgħix bidla storika li nistgħu narawha fil-progress li qed iseħħ f'bosta oqsma. Ta' min ifaħħar id-diversi suċċessi li qed itejbu l-kwalità tal-ħajja tan-nies, ngħidu aħna fil-qasam tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-komunikazzjoni."[28]

Imma, fl-istess waqt, il-Papa jsemmi wkoll is-sitwazzjoni kritika ta' diversi nies, kemm għax m'għandhomx aċċess għal dan it-titjib imma wkoll kultant bħala konsegwenza tal-bidliet li seħħew: "Imma ma nistgħux ninsew lanqas li l-parti l-kbira tal-irġiel u n-nisa ta' żmienna qed jgħixu kull ġurnata li tgħaddi f'qagħda kritika, b'konsegwenzi terribbli. Ċertu mard qed jiżdied. Il-biża' u d-disperazzjoni qed jaħkmu qalb ħafna persuni, saħansitra fil-pajjiżi hekk imsejħa sinjuri. Spiss qed jintefa dak il-ferħ tal-ħajja, qed joktru n-nuqqas ta' rispett u l-vjolenza, waqt li qed jixref iżjed in-nuqqas ta' ugwaljanza. Wieħed ikollu jissielet biex jgħix u, spiss, biex jgħix b'tal-inqas ftit dinjità. Din il-bidla epokali hi kkawżata mill-avvanzi enormi ta' kwalità, kwantità, veloċità u akkumulazzjoni li seħħu fil-progress xjentifiku, fl-invenzjonijiet teknoloġiċi u fl-applikazzjoni mgħaġġla tagħhom f'bosta oqsma tan-natura u tal-ħajja."[29]

Irridu kontinwament naraw b'liema mod nistgħu nilqgħu għall-isfidi u nużaw l-opportunitajiet fil-qadi tal-bniedem illum.

## 9. Attitudnijiet li jgħinu jew li jfixklu l-qadi tal-bniedem

Punt importanti fil-qadi tal-bniedem hu l-għarfien tal-attitudnijiet li jgħinu kif ukoll dawk li jfixklu dan il-qadi. Dan l-għarfien jgħinna naffaċċjaw id-diffikultajiet u l-esperjenzi tal-falliment li nistgħu niltaqgħu magħhom fil-ħidma tagħna u li minħabba fihom kultant inħossuna qed nagħżqu fl-ilma. Papa Franġisku jitkellem fuq dan: "Mill-esperjenza lkoll nafu li kultant ikun hemm ħidma li ma tagħtix is-sodisfazzjon li nkunu xtaqna, il-frott ikun skars u l-bidliet bil-mod, u wieħed taf tiġih it-tentazzjoni li jegħja u jixba'. Minkejja dan, meta wieħed, minħabba fl-għeja, ibaxxi għal ftit idejh, mhux l-istess bħal meta wieħed iniżżilhom

25 Benedittu XVI, Enċiklika *Deus Caritas Est* (2005), 31c.
26 *Evangelii Gaudium,* 114.
27 Arċidjoċesi ta' Malta, Dokument tas-Sinodu Djoċesan *Kultura-Soċjetà-Knisja* (2003), 2, b'referenza għal *Gaudium et Spes,* 53.
28 *Evangelii Gaudium,* 52.
29 *Ibid.*

għalkollox għax jinħakem minn nuqqas ta' kuntentizza li m'għandux fejqan, minn ċertu għażż li jnixxef ir-ruħ. Jista' jiġri li l-qalb tegħja tissielet għax fl-aħħar mill-aħħar tkun qed tfittex lilha nfisha f'karreriżmu għatxan għal rikonoxximenti, applawsi, premijiet, karigi; hawn wieħed ma jbaxxihomx idejh, imma ma tibqagħlux grinta, jonqsu l-qawmien. Hekk, l-Evanġelju, li hu l-isbaħ messaġġ li hawn fid-dinja, jibqa' midfun taħt ħafna skużi..."[30]

Il-Papa jispjega kif hi l-fidi li tmexxina 'l quddiem – il-fidi f'Alla li jaf joħroġ it-tajjeb mill-ħażin: "Il-fidi tfisser ukoll nemmnu fih, nemmnu li tassew iħobbna, li hu ħaj, li għandu l-ħila jidħol b'mod misterjuż fil-ħajja tagħna, li ma jitlaqniex waħidna, li, bil-qawwa tiegħu u bil-kreattività bla tarf tiegħu, mill-ħażin jaf joħroġ it-tajjeb." [31]

Il-kliem tal-Papa jfakkar fil-kliem tas-Sinodu Djoċesan:
"Ma rridux naqtgħu qalb id-dgħajfa...anzi rridu nagħmlulhom il-qalb...
Dawk li jħossu t-telqa taħkimhom, nixtiequ narawhom jiskopru mill-ġdid l-enerġija moħbija li hemm fihom.
Dawk li huma xettiċi inħeġġuhom biex jiftħu ħajjithom għall-ħidma tal-Ispirtu."[32]

Irridu naraw x'inhuma dawk l-attitudnijiet li jgħinuna biex inkunu tassew qaddejja, u x'inhuma dawk li jfixkluna. Alla jaf joħroġ it-tajjeb mill-ħażin. Kif se nikkoperaw ma' Alla f'din il-kreattività tiegħu u naħdmu aħna wkoll b'dan il-mod?

## 10. Sorsi ta' enerġija u mudelli ta' ispirazzjoni għall-qadi tal-bniedem

Meta nħarsu lejna nfusna, aħna nagħrfu t-tajjeb li Alla jiżra' fina imma wkoll id-dgħufija tagħna. F'din il-ħidma ta' qaddejja, hemm bżonn insibu s-sorsi ta' enerġija li jagħtuna l-ħajja u nħarsu wkoll lejn mudelli ta' ispirazzjoni li jdawluna.

Papa Franġisku jagħtina din l-assigurazzjoni: "... nafu b'ċertezza li min joffri ruħu u jingħata lil Alla bi mħabba, żgur sa jagħmel il-frott (ara Ġw 15:15). Dan il-frott ħafna drabi ma jidhirx, ma tistax tmissu b'idejk, ma tistax tgħoddu. Wieħed jaf sew li ħajtu ħa tagħti l-frott, imma mingħajr ma jippretendi li jaf kif, jew fejn, jew meta. Għandu ċ-ċertezza li xejn mill-ħidmiet li jwettaq bi mħabba mhu sa jintilef, xejn mhu sa jintilef mit-tħassib ġenwin tiegħu għall-oħrajn, xejn mhu ħa jintilef mill-għemejjel ta' mħabba tiegħu lejn Alla, xejn mhu ħa jintilef mill-ħidma ġeneruża, xejn mhu ħa jintilef mis-sabar li mhux nieqes mill-uġigħ... L-Ispirtu s-Santu jaħdem kif irid hu, meta jrid u fejn irid; aħna nħabirku b'dedikazzjoni imma mingħajr ma nippretendu li nistgħu naraw riżultati li jagħtu fl-għajn. Nafu biss li hu meħtieġ id-don tagħna nfusna. Nitgħallmu nistrieħu fi ħdan il-ħlewwa ta' dirgħajn il-Missier fl-għotja kreattiva u ġeneruża tagħna. Nimxu 'l quddiem, nidħlu għaliha b'ruħna u ġisimna, imma nħallu lilu jagħmilna għammiela fl-isforzi tagħna kif jidhirlu Hu."[33]

Fil-qadi tal-bniedem, il-ħarsa tagħna terġa' lura minn fejn bdiet: lejn Ġesù Kristu l-qaddej. Hu m'huwiex biss il-mudell. Hu l-qawwa, l-enerġija li għandna bżonn, u kull min jimtela minnu jsir 'għajn ta' ilma li tnixxi' (Ġw 4:14). Is-Sinodu Djoċesan ifisser dan b'mod ċar ħafna meta jitkellem fuq it-talb u l-liturġija, speċjalment madwar il-mejda tal-Ewkaristija: "Il-ħidma għall-karità u għall-ġustizzja li ma tkunx mibnija fuq relazzjoni personali ma' Kristu fit-talb malajr tispiċċa fix-xejn, filwaqt li liturġija li ma twasslilniex stedina ċara għas-servizz,

30 *Evangelii Gaudium,* 277.
31 *Evangelii Gaudium,* 278.
32 *Viżjoni ta' Knisja komunjoni,* 55.
33 *Evangelii Gaudium,* 279.

għall-ġustizzja u fuq kollox għall-imħabba lejn xulxin tkun ritwal vojt estern, imbiegħed mill-Evanġelju. Huwa fit-talb personali, fis-sehem tagħna fil-liturġija, fil-qari u l-għajxien tal-Kelma ta' Alla u fir-riflessjoni fuq il-vokazzjoni Nisranija li aħna nistgħu nisimgħu u nifhmu s-sejħa li Alla jagħmel lill-bniedem biex ikun qaddej ta' dawk li huma fil-bżonn u jaħdem għall-ġustizzja. Lil dan Kristu nsibuh meta naqdu lil dawk li huma ċ-ċkejknin, u t-talba tagħna 'Tiġi saltnatek' tkun vera daqskemm tgħin biex dan iseħħ. Irridu nkunu Knisja li tgħin lill-membri tagħha jagħrfu 'l Kristu kemm fil-qsim tal-ħobż kif ukoll f'dawk li m'għandhomx ħobż."[34]

## Konklużjoni

Papa Franġisku jenfasizza l-impenn tan-Nisrani/ja fis-soċjetà: "Ma jistax jingħad iżjed li r-reliġjon għandha tillimita ruħha għall-qafas privat u li qiegħda hemm biss biex tipprepara l-erwieħ għall-Ġenna. Nafu li Alla jixtieq il-ferħ ta' wliedu anki fuq din l-art, anki jekk huma msejħa għall-milja tal-ħajja ta' dejjem, għax Hu ħalaq kollox 'biex ingawdu bih' (1 Tim 6:17), biex kulħadd jista' jgawdih. Dan ifisser li l-konverżjoni Nisranija titlob minna li nikkunsidraw mill-ġdid speċjalment dak kollu li jolqot l-ordni soċjali u t-tiftix tal-ġid komuni"[35] ...B'konsegwenza ta' dan, ħadd ma jista' jistenna minna li nillimitaw ir-reliġjon għall-intimità sigrieta ta' bejn il-persuni, mingħajr ebda influwenza fuq il-ħajja soċjali u nazzjonali, mingħajr ma nagħtu kas tas-saħħa tal-istituzzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mingħajr ma nesprimu ruħna fuq il-ġrajjiet li jinteressaw iċ-ċittadini."[36]

Il-qadi tal-bniedem jitlob, għalhekk, impenn kemm f'ħidma attiva kif ukoll fil-promozzjoni tat-tagħlim soċjali tal-Knisja li għandu żewġ aspetti importanti:

- Hu propożittiv, b'mod li jikkontribwixxi għal dak li hu uman tassew, indikazzjoni tas-Saltna ta'Alla.
- Hu kritiku, b'mod li ma jibżax juri dak li hu ħażin.

It-tnejn iridu jmorru flimkien, imma l-enfasi għandha tkun fuq dak li hu propożittiv u li jista' jwassal għal trasformazzjoni pożittiva tar-realtà: "...il-ħsieb soċjali tal-Knisja hu qabelxejn pożittiv u propożittiv, jorjenta lejn azzjoni li ġġib bidla, u f'dan is-sens ma jehdiex ikun sinjal ta' tama ħierġa mill-qalb mimlija mħabba ta' Ġesù Kristu."[37]

Il-viżjoni ta' Papa Franġisku għall-qadi tal-bniedem timliena bil-kuraġġ fil-ħidma tagħna. Tagħtina ħeġġa u spirtu qawwi. It-talba tagħna:

"Agħmilna ħerqana għall-ħtiġijiet tal-bnedmin kollha biex, aħna u nissieħbu fin-niket u t-tiġrib tagħhom, fil-ferħ u t-tamiet tagħhom, inwasslulhom bil-fedeltà kollha l-Bxara t-Tajba tas-salvazzjoni u flimkien magħhom, nimxu fit-triq li twassal għas-saltna tiegħek."[38]

Fr Joe Galea Curmi

[34] *Djakonija u Ġustizzja,* 38.
[35] *Evangelii Gaudium,* 182.
[36] *Evangelii Gaudium,* 183.
[37] *Ibid.*
[38] Il-Ħames Talba Ewkaristika, Prefazju C.